

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

2007/2028(INI)

3.5.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar l-implikazzjonijiet legali u istituzzjonali ta' l-użu ta' strumenti ta' "liġi li ma torbotx" (*soft law*)
(2007/2028(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Philip Dimitrov Dimitrov

(*): Koperazzjoni aktar mill-qrib bejn kumitati – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

- A. billi l-Unjoni Ewropea trid tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità (Artikolu 5.2 TEC) u, għaldaqstant, iżżomm lura milli tirrikorri għal leġiżlazzjoni mhux meħtieġa,
- B. billi l-użu tal-“liġi li ma torbotx” hija alternattiva pprovata u ttestjata għal, jew inkella preparazzjoni għal-leġiżlazzjoni fl-Unjoni Ewropea,
- C. billi, filwaqt li jirrispetta d-dritt għall-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Parlament isostni d-dritt tiegħu stess biex jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proposta leġiżlattiva (Artikolu 192 TEC),
- D. billi strumenti ta' “liġi li ma torbotx”, li ma ngħatawx saħħa legali li torbot, iżda madankollu jista' jkollhom xi effetti legali indiretti, urew li huma kapaċi li jirregolaw b'mod effettiv xi oqsma ta' attività Komunitarja, fil-kuntest ta', u skond il-kundizzjonijiet stipulati fit-Trattati UE,
- E. billi hu possibbli li jista' jirriżulta li ċerti atti tal-Kummissjoni jkunu ultra vires jekk ir-rakkomandazzjonijiet, mhux użati b'biżżejjed kura,
- F. billi l-Parlament jappoġġja bis-siġħ il-Ftehma Interistituzzjonali dwar Tfassil aħjar tal-liġijiet 2003,
- G. billi bħalissa hemm tilwima dwar kif tista' tiżdied l-effiċjenza tal-funzjoni regolatorja ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' kemm “liġi li ma torbotx” (‘soft law’) kif ukoll ta' “liġi li torbot” (‘hard law’),
- H. billi “liġi li ma torbotx” ma tippovdix protezzjoni ġudizzjarja siġħa,
- I. billi rikors estensiv għall-istrumenti ta' “liġi li ma torbotx” għandu jfisser bidla mill-mudell uniku tal-Kommunità għal dak ta' organizzazzjoni internazzjonali tradizzjonali,
- J. billi l-istrumenti ta' “liġi li ma torbotx” għandhom jintużaw bħala strumenti preparatorji għal atti leġiżlattivi li jorbtu, suġġetti li jkunu sostitwiti meta jkun wasal it-testament leġiżlattiv xieraq; u billi jgħinu fl-interpretazzjoni u fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni Komunitarja,
- K. billi “liġi li ma torbotx” tikkostitwixxi għamla ta' politika regolatorja ta' l-UE li hija aċċettata b'mod wiesa' flimkien mal-koordinazzjoni, il-koperazzjoni, n-negożjazzjoni, u l-ġerarkija,
- 1. Jišhaq li kull istituzzjoni ta' l-UE, inkluż il-Kunsill Ewropew, għandha tikkunsidra l-għażliet kemm leġiżlattivi kif ukoll dawk mhux leġiżlattivi fid-deċiżjoni, każ b'każ, dwar liema azzjoni għandha tittieħed, jekk ikun il-każ;

2. Jenfasizza l-fatt li “liġi li ma torbotx” hija prattika stabbilita, u li għandha tiġi indirizzata b'attenzjoni partikulari;
3. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tagħmel sforz partikulari sabiex tiggarrantixxi t-trasparenza, il-viżibilità u r-responsabilità pubblika fil-proċess ta' l-adozzjoni ta' atti tal-Kommunità li ma jorbtux, kif ukoll sabiex jiżdied l-użu ta' evalwazzjoni ta' impatt fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet;
4. Jistieden lill-Kummissjoni biex, b'koperazzjoni mal-Parlament, tiżviluppa sistema li tiggarrantixxi l-parteciġipazzjoni tal-korpi li huma eletti b'mod demokratiku, li possibilment tinkludi wkoll mezz ta' fteħima interistituzzjonali, u għalhekk monitoraġġ aktar effettiv tal-ħtieġa ta' l-adozzjoni ta' strumenti ta' “liġi li ma torbotx”.

PROĊEDURA

Titolu	L-implikazzjonijiet istituzzjonali u legali ta' l-użu ta' strumenti ta' "liġi li ma torbotx" (soft law)		
Numru tal-Proċedura	2007/2028(INI)		
Kumitat responsabbli	JURI		
Opinjoni minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFCO 15.2.2007		
Koperazzjoni iktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.2.2007		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Philip Dimitrov Dimitrov 1.3.2007		
Rapporteur preċedenti			
Eżami fil-kumitat	20.3.2007	10.4.2007	2.5.2007
Data ta' l-adozzjoni	2.5.2007		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	18 0 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Enrique Barón Crespo, Richard Corbett, Brian Crowley, Philip Dimitrov Dimitrov, Andrew Duff, Maria da Assunção Esteves, Ingo Friedrich, Anneli Jäätteenmäki, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Jo Leinen, Íñigo Méndez de Vigo, Rihards Pīks		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Klaus Hänsch, Gérard Onesta, Georgios Papastamkos, Jacek Protasiewicz, György Schöpflin, Alexander Stubb		
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali			
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)			